KLR 68/VII/2018

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 6 ta' Novembru 2018 fis-19.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri, Anthony Briffa u Marcel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli u Michel Buttiġieġ.

Il-Kunsill aċċetta l-ittri ta' apoloġija tal-membri skużati.

**68.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**68.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill membri li l-Ministeru għal Għawdex approva l-fondi għat-tamac ta' Triq Ġorġ Pisani. Il-ftehim għal dan il-porġett għad irid jiġi ffirmat. Malli l-kunsill ikollu l-konferma bil-miktub, il-Perit għandu jiġi avżat sbiex jaħdem fuq l-offerta biex din tinħareġ sa l-aħħar tas-sena.

**68.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

68.3.1 il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq rigward it-tismija ta' triq għal Ġużeppi Cefai. Il-Kunsill ġie mgħarraf li dan il-kumitat ħa nota ta' dan is-suġġeriment;

68.3.2 Joseph N Attard rigward it-tismija ta' triq għal Anton F. Attard. Il-kunsill ser jgħarraf lis-Sur Attard li l-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex diġa' ġie mgħarraf b'dan;

68.3.3 diversi residenti anzjani tal-inħawi ta' Pjazza Santu Wistin li bagħtu petizzjoni fejn talbu li meta jkun hemm talbiet biex jiġu orgniżżati attivitajiet soċjali fi Pjazza Santu Wistin, il-permess tal-mużika li tindaqq ma jkunx jeċċedi l-23.00. Dawn ir-residenti għandhom jiġu nfurmati li l-Kunsill dejjem jibgħat it-talbiet li jkollu lill-pulizija sabiex il-permess jinħareġ skont il-bon ordni;

68.3.4 Marvic Said li qed jitlob sabiex jarma bi trukk ibiegħ il-frott u l-ħaxix fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*. Il-Kunsill ser jagħrraf lis-Sur Said sabiex jimxi mal-liġi applikabbli skont il-permessi li għandu;

68.3.5 il-Moviment Kerygma rigward il-'Premju Żagħżugħ tas-Sena 2018';

<u>Korrispondenza u talbiet ralatati mad-dawl tat-toroq</u>

68.3.6 Peress li ser jinbeda r-restawr fuq il-kopla minn barra tal-Bażilika ta' San Ġorġ, il-membri qablu li jitranġa d-dawl tal-kopla wara talba li saret minn din il-parroċċa. Dan id-dawl kien sar mir-Raba' Kunsill.

<u>Korrispondenza relatata ma bini ta' bankini</u>

68.3.7 Mario Saliba talab sabiex issir bankina ġdida quddiem propjeta' tiegħu fi Triq it-8 ta' Diċembru. Il-membri qablu li din għandha tinbidel peress li dik eżistenti fiha ħafna ħsara.

68.3.8 Salvu Borg talalb sabiex issir bankina ġdida quddiem 'Salvatur Court' fi Triq Farnacesco Masini. Il-membri qablu li din għandha tinbidel peress li dik eżistenti fiha l-ħsara u m'hemmx rampa adekwata.

68.3.9 Rose Nolan li talbet sabiex titbaxxa l-bankina minħabba li trid tagħmel ventilaturi fil-garaxx li jiġu l-isfel mill-bankina. Il-kunsill ma jistax jagħmel dan ix-xogħol peress li l-bankina għadha fi stat tajjeb.

**68.4 Attivitajiet tal-Milied**

Is-Sindku għarraf lill-membri li minn naħħa tal-Ministeru għal Għawdex lesti li jiffinanzjaw l attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena. Il-membri qalbu li l-kunsill xorta jgħin fil-loġistika ta' l-attivita'. Is-Sindku tenna li hu kuntent li l-Gvern beda joħroġ is-sehem tiegħu peress li din l-attivita' saret tolqot lil Għawdex kollu.

Bħala attivita' organiżżata qrib il-ġranet tal-Milied, il-membri qablu li ssir attivita' fil-*playing field* li tkun tolqot il-familja kollha. Din ser issir nhar is-Sibt 15 ta' Diċembru bejn l-10.00 u s-18.00.

**68.5 Pjazza Santu Wistin**

68.5.1 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li saret it-tieni laqgħa mar-resdenti tal-inħawi ta' Pjazza Santu Wistin, nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru 2018 fis-19.30 fl-Oratorju Don Bosco, fejn il-Perit Edward Scerri ressaq il-pjanti li ser jiġu sottomessi għall-permessi neċessarji.

68.5.2 Ser issir laqgħa fl-uffiċċju aministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis 22 ta' Novemberu 2018 fl-16.30, fejn l-Enġinier tad-dawl ser jispjega kif ser isir id-dawl mad-djar li huma uniformi u li

għandhom l-istess galleriji. Is-sidien ta' dawn id-djar huma mistiedna jattendu għal din il-laqgħa.

68.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li l-Ministru għal Għawdex talbet dettalji rigward il-laqgħa li saret mar-residenti ta' Pjazza Santu Wistin minħabba dan il-proġett. Il-kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-Perit tal-Kunsill jiltaqa' fuq dan is-suġġett mas-Sur Lorry Apap li hu l-koordinatur tax-xogħlijiet tal-Ministeru għal Għawdex.

68.5.4 Tressqet korrispondenza mingħand James u Elaine Grima li huma residenti fi Pjazza Santu Wistin. Dawn talbu sabiex meta ssir il-bankina quddiem id-dar tagħhom, din terġa ssir sa fejn hi fil-preżent. Il-Perit għandu jiġi nfurmat b'dan.

**68.6 Immaniġjar tat-Traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

68.6.1 *un/loading bay* quddiem il-ħanut 'Ta' Miliet' fi Triq Ġorġ Borġ Olivier;

68.6.2 *un/loading bay* quddiem il-ħanut 'Baby Lane' fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace;

68.6.3 *1.5mtr keep clear* quddiem 30, Triq Pompei;

68.6.4 *double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx 30, Triq Għar Gerduf,

68.6.5 *double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx 65, Triq tal-Far;

68.6.6 parkeġġ riservat għall-MUSEUM tas-subien fi Triq it-8 ta' Diċembru. Il-ħinijiet huma bejn il-17.00 u t-20.00.

Il-Kunsill talab il-permess ta' TM:-

68.6.7 *double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx 'Santa Marija', Triq Dawwara;

68.6.8 *double yellow lines* fil-ġnub tal-garaxx 'St. Joseph Court', Triq Sir Paul Boffa;

68.6.9 biex jitwalu d-*double yellow lines* fi Triq Dun Pawl Micallef quddiem il-garaxx u d-dar 'Lisanna';

68.6.10 biex fil-bidu ta' Triq San Ġwann Bosco, in-naħħa ta' Triq Librerija ssir tabella li turi *dead end*.

68.6.11 Tressqet korrispondenza mingħand il-Maltapost fejn talbu *un/loading bay* fil-bokka ta' Triq l-Arċipriet Saver Cassar sabiex tintuża mill-vann li tkun ħott mill-*branch* li għandhom fi Triq Sir Adrian Dingli. Il-Kunsill ma qabilx ma dan peress li Triq l-Arċipriet Saver Cassar hi pedonali. Il-Kunsill ser jiġbed l-attenzjoni tal-Maltapost li fejn għamlu l-*branch* il-ġdida, it-triq hi sensittiva u fiha ma tistax twaqqaf vetturi għall-*un/loading*.

**68.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Novembru 2018 skont dokument A anness.

**68.8 *Performance Bonus* tal-Ħaddiema**

Il- *performance bonus* tal-iskrivana Georgine Tabone ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss peress li minħabba kunflitt ta' nteress, x'ħin il-kunsillier Tabone ħareġ mill-kamra, ma kienx hemm *quorum*. Il-membri qablu li jingħata l-massimu tal-*performance bonus* lill-bqija tal-ħaddiema tal-Kunsill. Waqt li kien qed jiġi diskuss dan l-item s-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mill-kamra.

**68.9 Xogħolijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

68.9.1 il-Kunsill jgħin fl-organiżżazzjoni tal-konferenza 'Il-Futur tal-Opra fil-Gżejjer Maltain' li ser issir nhar il-Ġimgħa 9 ta' Novembru 2018. Din hi parti mill-festival 'Music+';

68.9.2 il-membri qablu li jiġi organiżżat *weekend break* kulturali f'Malta għar-residenti Rabtin bejn it-23 u l-25 ta' Novembru 2018. Dan skont dokument B anness;

68.9.3 jsir rapport lill-Minsieru għal Għawdex sabiex issir tarġa fuq il-bankina ta' quddiem 39, Triq taħt Putirjal, peress li meta saret il-bankina ġie diżlivell u ġiet perikoluża. Ir-residenti ta' din id-dar huma anzjani;

68.9.4 jerġa jinbeda l-kuntatt tal-ġemellaġġ ta' Nichelino f'Turin.

**68.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmis**

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00 u laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2018 fis-18.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |